22 ta' April, 1991

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. – President.**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**

Fl-atti tar-rikorsi ta' Martin Vella preżentati fil-25 ta' Lulju 1988 u fis-6 ta' Ottubru 1988 fis-Sekond'Awla tal-Qorti Ċivili

**Kostituzzjoni – Konvenzjoni Ewropeja – Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem – Sekond'Awla tal-Qorti Ċivili – Ordni ta' riferenza mill-Leġittimu Kontradittur – Neċessità ta' Nullità – Ġustizzja Naturali – Trattament inuman – Smiegħ Xieraq – Familja, dritt għall- – Missier Naturali – Kunsens – Adozzjoni**

*Il-proċedura bdiet minn ordni ta' riferenza tas-Sekond'Awla tal-Qorti Ċivili fejn kienu pendenti proċeduri għall-adozzjoni tal-bint naturali tar-rikorrent, missierha. L-omm kienet tat il-kunsens tagħha għall-adozzjoni. Il-missier naturali ppretenda li l-adozzjoni ta' bintu minn terzi mingħajr il-kunsens u kontra r-rieda tiegħu kienet tilledi d-drittijiet fundamentali tiegħu kif protetti mill-artikoli 6, 8 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja u l-artikoli 36 u 39 tal-Kostituzzjoni.*

*Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ddeċidit billi fil-waqt li rrespinġiet l-eċċezzjonijiet proċedurali sollevati mill-Attorney General, iddeċidit billi ddikjarat illi l-fatti allegati mir-rikorrent ma kinux jikkostitwixxu vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tiegħu. Ir-*

*rikorrent appella, waqt li xi wħud mill-intimati appellaw inċidentalment. Il-Qorti Kostituzzjonali kkonfermat.*

*L-ordni ta' riferenza kien sar mis-Sekond'Awla tal-Qorti Ċivili. Billi l-proċeduri f'dik il-Qorti huma ta' natura volontarja u mhux kontenzjuża, ġie li fl-ordni ta' riferenza mibgħut lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kien jonqos il-leġittimu kontradittur. Il-preżenza ta' leġittimu kontradittur hija dejjem meħtieġa fil-proċeduri kontenzjużi u dan għall-validità stess tal-istess proċeduri. In-notifika sempliċi ta' terzi għal liema rrikorriet l-ewwel Qorti, li ma tirrendihomx intimati bil-kjamata fil-kawża tagħhom, ma hiex suffiċjenti biex tirregolarizza l-proċeduri. Il-Qorti, però, ma annullatx dawn il-proċeduri għar-raġuni sovrastanti tal-ġustizzja mat-tarbija. Għalhekk, għalkemm l-eċċezzjonijiet proċedurali sollevati mill-Attorney General messhom ġew milqugħa, il-Qorti, wara ż-żmien li kien għadda, u fl-interess tal-ġustizzja, ma kenitx aktar f'qagħda li tagħmel dak.*

*Fil-mertu imbagħad il-Qorti Kostituzzjonali osservat li fi kwistjonijiet simili jinħoloq konflitt bejn id-drittijiet fundamentali tat-tarbija adottandi u dawk tal-missier naturali. Il-ġustizzja naturali teħtieġ li f'tali konflitt, id-drittijiet tat-tarbija jkollhom is-sopravvent. Il-missier naturali ma kienx qiegħed ibagħti vjolazzjoni fid-dritt tiegħu għall-familja, u ma kienx qiegħed ibagħti ebda diskriminazzjoni jew trattament inuman. Bl-aġir tiegħu kienet it-tarbija li kienet qegħda tbati menomazzjoni fid-drittijiet tagħha.*

Il-Qorti: – Ikkunsidrat:

Din il-proċedura bdiet meta Martin Vella ippreżenta rikors quddiem is-Sekond'Awla tal-Qorti Ċivili, f'dawn it-termini:

1. "Illi r-rikorsi tiegħu fuq imsemmija, u dak tas-6 ta' April, 1989 (dekretat fis-26 ta' April, 1989) iqajmu kwistjonijiet serji dwar id-drittijiet fundamentali tal-esponent, protetti mill-

artikoli 36 u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u mill-artikoli 3, 6, 8 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja.

2. Illi l-**artikolu 36** tal-Kostituzzjoni u l-**artikolu 3** tal-Konvenzjoni jipproteġu kontra trattament inuman. L-esponent jissottometti umilment (1) li tippriva missier mid-dritt li jrabbi lil bintu meta l-omm uriet li ma tridx tadempixxi dan id-dritt u obbligu; jew (2) li tippriva missier mill-aċċess għal bintu; jew (3) li ttawwal dan l-aċċess għal żmien konsiderevoli; jew (4) li tagħti lil bintu in adozzjoni lil terzi kontra r-rieda espressa tal-missier, kollha jikkostitwixxu ksur ta' dan id-dritt fundamentali;

3. Illi l-**artikolu 8** tal-Konvenzjoni Ewropeja jiggarantixxi r-rispett għall-ħajja familjari u dan ukoll qiegħed jiġi vjolat għall-istess raġunijiet imsemmija fil-paragrafu preċedenti;

4. Illi d-dewmien fil-proċeduri għall-aċċess għat-tarbija jikser il-garanzija ta' l-**artikolu 39** tal-Kostituzzjoni u ta' l-**artikolu 6** tal-Konvenzjoni;

5. Illi finalment, il-liġi tal-adozzjoni fiha nnifisha, li tittratta b'mod differenti il-missier legali u l-missier naturali, tivvjola l-**artikolu 14** tal-Konvenzjoni Ewropeja li tipprojbixxi d-diskriminazzjoni bażata fuq *"birth or status"*;

6. Illi dawn il-prinċipji ġew ripetutament ribaditi mill-ġurisprudenza ta' Strasbourg. Ara p.e. il-ħames każi: O vs U.K; H vs U.K.; W vs U.K.; B vs U.K.; u R vs U.K.; kollha deċiżi mill-Qorti Ewropeja fit-8 ta' Lulju, 1987; il-Każi Marokx/Bell 29/09/75 u D 7626/76; D7229/76 – D 7770/77; D 8427/78; R 9427/78 (Hendricks); D 9276/81; D 9580/81 (U.K.); D 9893/82 (Pedersen); D 10496/83 (U.K.);

7. Illi meta quddiem Qorti li m'hix il-Prim'Awla, iqumu kwistjonijiet dwar il-possibilità ta' ksur ta' xi dritt fundamentali, din il-Qorti għandha tagħmel ordni ta' riferenza lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, kemm skond l-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni kif ukoll skond l-artikolu 4(3) ta' l-Att XIV ta' l-1987;

Għaldaqstant l-esponent formalment jitlob li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tagħmel ordni ta' riferenza kif fuq ingħad lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili;"

Fit-12 ta' Mejju, 1989, dik il-Qorti iddekretat hekk:

"Billi r-rikorrent qajjem kwistjoni dwar il-ksur ta' disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni li jirrigwardaw id-drittijiet fundamentali ta' l-individwu;

U billi dan it-tqanqil tal-kwistjoni, mhux frivolu jew vessatorju;

Tibgħat dawn il-kwistjonijiet quddiem il-Prim'Awla ta' din il-Qorti biex din tagħti d-deċiżjoni tagħha skond il-liġi";

Fis-16 ta' Mejju, 1989, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, li rċeviet ir-riferenza iddekretat hekk:

"Tordna n-notifika ta' l-istess lill-Onor. Prim Ministru bil-fakoltà li jagħmel nota responsiva u tappunta l-istess rikors għas-smiegħ għas-seduta tat-18 ta' Mejju, 1989 fil-11.30 a.m.;"

L-Onorevoli Prim Ministru rrisponda fit-18 ta' Mejju, 1989 u fl-istess data l-Qorti ordnat in-notifika tar-rikors u r-risposta lil Alfred Grima bħala leġittimu rappreżentant ta' bintu minuri Ritan Grima;

Fis-6 ta' Frar, 1990, l-Onorabbli Qorti Ċivili, Prim'Awla ppronunzjat is-sentenza tagħha, li l-partijiet essenzjali tagħha huma dawn;

Fir-risposta tiegħu Alfred Grima eċċepixxa li ir-riferenza għal din il-Qorti hija nulla peress li l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ma japplikax għas-Sekond'Awla li hi Qorti ta' ġuridizzjoni volontarja w anki peress li saret mingħajr ma nstema' ħadd, bi ksur tal-prinċipji tal-"*audi alteram partem*" u tal-"*fair trial*", skond l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u dak numru 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja.

Illi l-imsemmi artikolu 46 jirreferi għal "proċeduri f'xi Qorti li ma tkunx il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili jew il-Qorti Kostituzzjonali"; l-artikolu 3 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili jelenka fost il-Qrati Superjuri, "Il-Qorti Ċivili" u is-Sekond'Awla hija parti mill-Qorti Ċivili. Inoltre, għalkemm is-Sekond'Awla m'hix Qorti għall-kontenzjuż, jistgħu iqumu quddiemha kwistjonijiet dwar xi ksur kontemplat fl-artikoli 33 sa 45 tal-Kostituzzjoni, bħal ma ġara f'dan il-każ fejn ir-rikorrent ħass li b'dak li ġara jew li seta' jiġri, setgħu jiġu effettwati id-drittijiet fundamentali tiegħu. Is-Sekond'Awla ikkunsidrat il-kwistjoni mqajjma fl-imsemmi rikors, rat li ma kenitx frivola u l-anqas vessatorja u għalhekk għamlet ir-riferenza skond l-artikolu 46 (3) tal-Kostituzzjoni;

L-ordni ta' riferenza ma hix xi deċiżjoni dwar xi vertenza u ma taffettwax id-drittijiet li għandhom iċ-ċittadini konċernati, imma biss tpoġġi il-problema quddiem Qorti diversa, u li quddiemha il-veduti tal-partijiet kollha jiġu regolarment mismugħa qabel ma tittieħed id-deċiżjoni relativa. Għalhekk una volta li s-Sekond'Awla setgħet tifhem il-punti sollevati mir-

rikorrent, u waslet għall-konklużjoni li kienet qamet kwistjoni dwar ksur ta' waħda mid-disposizzjonijiet elenkati fl-artikolu 46, kellha l-obbligu li tibgħat il-kwistjoni biex tiġi deċiża minn din il-Qorti. Il-prinċipju tal-"*audi alteram partem*" bl-edba mod ma jista' jingħad li ġie vjolat;

Għalhekk il-Qorti tirrespinġi din l-eċċezzjoni sollevata minn Alfred Grima;

Illi l-istess Grima fir-risposta tiegħu issottometta wkoll li għar-rikorrent jeżistu rimedji ordinarji li għadhom ma ġewx eżawriti; jidher li l-ilment prinċipali tar-rikorrent ġie kaġunat mid-diversi rikorsi li hu ppreżenta dwar it-tarbija w li kollha ġew miċħuda. Grima jikkontendi li ġaladarba Vella anqas biss ipprova jappella kontra id-digrieti nvoluti, ma għandux issa jadixxi lil dina l-Qorti. Vella ta diversi raġunijiet għaliex ma appellax, fosthom it-tul taż-żmien li dik il-proċedura iġġib magħha. Il-Qorti ma taqbilx li dawk ir-raġunijiet jiġġustifikaw sodisfaċentement il-fatt li r-rikorrent fl-ebda każ ma interpona appell. B'dana kollu, iċ-ċirkostanzi tal-każ huma tali li ma jiġġustifikawx li dina l-Qorti tirrifjuta li teserċita s-setgħat tagħha, kif tista' tagħmel bis-saħħa tal-proviso għall-artikolu 46 (2); għalhekk sejra tiegħu id-debita konjizjoni tar-rikors "*de quo*";

Illi fin-nota tiegħu Grima issolleva ukoll l-eċċezzjoni tal-intempestività tal-azzjoni peress li d-dritt li Vella jara u/jew irabbi lil bintu għadu ma ġiex rifjutat in kwantu ma kenitx ittieħdet deċiżjoni dwaru. Bħala fatt dan huwa korrett għax il-kawżi w il-proċeduri tal-adozzjoni għadhom mhux deċiżi, imma l-istess artikolu 46 fl-inċiż (1) jagħti id-dritt liċ-ċittadin li jadixxi lil din il-Qorti għal rimedju, mhux biss fil-każ li hu jallega li ġiet miksura xi waħda mis-salvagwardi relevanti, imma anke "jekk

tkun x'aktarx ser tiġi miksura''; issa fiċ-ċirkostanzi li irriżultaw mill-atti, ir-rikorrent huwa ċertament ġustifikat li jissottometti li fil-konfront tiegħu xi disposizzjoni relativa *''is likely to be contravened''*. Għalhekk il-Qorti tirrespinġi l-eċċezzjoni tal-*intempestività sollevata minn Grima*;

Illi l-Qorti ser issa tgħaddi biex tikkunsidra l-punti sollevati fir-rikors promotorju ta' Martin Vella w l-ewwel punt li jrid jiġi kkunsidrat huwa jekk iċ-ċirkostanzi elenkati fit-tieni paragrafu tar-rikors jikkostitwux trattament inuman fil-konfront tar-rikorrent a tenur tal-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 3 tal-Konvenzjoni; dawn iż-żewġ artikoli jipprovdu għall-istess protezzjoni ċjoè li ħadd ma għandu jkun assoġġettat għal piena jew trattament inuman jew degradanti;

Illi fl-ewwel tlett lanjanzi tar-rikorrent indikati fit-tieni paragrafu tar-rikors tiegħu, jistgħu jiġu kkunsidrati flimkien u jikkonsistu filli hu bħala missier qed jiġi priv milli jara u jkollu aċċess għal bintu, filli din il-privazzjoni ittawlet għal żmien konsiderevoli w filli qed jiġi mċaħħad mid-dritt li jrabbi lil bintu meta l-omm uriet li ma riditx tadempixx dan id-dritt w obbligu;

Illi minn eżami tal-proċess jirriżulta li Martin Vella ltaqa' ma' Ritan Grima, tifla li allura kellha erbatax-il sena u nofs; fis-27 ta' Ġunju, 1987, bdew joħorġu flimkien u għal Awwissu/Settembru ta' dik is-sena ġiet konċepita it-tarbija in kwistjoni minn relazzjonijiet extra matrimonjali bejniethom;

Illi t-tarbija twieldet fit-30 ta' Mejju u fit-12 ta' Lulju, l-omm Ritan Grima tat il-kunsens tagħha għall-adozzjoni waqt li fl-20 ta' Lulju ir-rikorrent irrikonoxxa lit-tarbija permezz ta' att pubbliku skond il-liġi, u jumejn wara ippreżenta ittra uffiċjali

fejn talab l-aċċess għat-tarbija u esprima l-opposizzjoni tiegħu għall-adozzjoni. Fit-18 ta' Lulju ġie preżentat fis-Sekond'Awla rikors mill-ġenituri adottanti li għadu ma ġiex deċiż. Rikors bħal dak seta' jsir wara li jingħata il-kunsens tal-omm skond id-disposizzjonijiet tal-artikolu 115(3) (b) tal-Kodiċi Ċivili; fil-kors ta' dan ir-rikors skond ma jipprovdi l-inċis (4) (a) tal-istess artikolu, il-missier naturali instema' aktar minn darba mill-perit legali nominat mis-Sekond'Awla għall-iskop tal-adozzjoni;

Illi fit-28 ta' Settembru 1988, ir-rikorrent ippreżenta ċitazzjoni kontra Alfred Grima f'ismu proprju u bħala rappreżentant ta' Rita sive Ritan Grima minorenni, fejn talab li l-konvenut jikkonsenjalu t-tarbija Marie Elaine bħala bintu naturali minnu rikonoxxuta, u fin-nuqqas jinħareġ mandat "in factum" għal dan l-iskop kontra il-konvenut. Din il-kawża ġiet malajr appuntata u bdiet tinstema' fit-2 ta' Novembru, ċjoè 33 ġurnata wara il-preżentata;

Illi fis-seduta tat-18 ta' Novembru, 1988, ir-rikorrent talab li t-tarbija ma tibqax aktar f'idejn l-"*adoptive parents*" imma tingħata f'idejh jew f'idejn Ritan Grima. B'digriet tal-istess data il-Qorti ċaħdet din it-talba peress li ma ħassitx li kellha tiddisturba il-posizzjoni allura eżistenti, ċjoè li tibqa' f'idejn il-persuni li f'idejhom kienet sa minn ftit wara it-twelid;

Illi fil-15 ta' Diċembru, 1988, Martin Vella ippreżenta rikors fejn talab li t-tarbija titpoġġa a spejjeż tiegħu għand is-Sorijiet Ursolini w li jkun jista' jaraha f'ħinijiet stabbiliti. Dan ir-rikors ġie miċħud fit-28 ta' Diċembru peress li l-Qorti ma ħassitx li kien hemm lok li tbiddel id-deċiżjoni mogħtija fid-digriet tat-18 ta' Novembru, 1988;

Illi fis-6 ta' April 1989, Martin Vella ippreżenta rikors ieħor fejn reġa' talab li jiġi akkordat lilu aċċess għal bintu, pendenti l-eżitu finali tal-kawża, li dwaru ma ġiex mogħti digriet peress li fl-intervall kien ġie intavolat dan ir-rikors Kostituzzjonali;

Illi fil-21 ta' Ġunju, 1989, fl-atti ta' dan ir-rikors, Vella reġa' talab li t-tifla Marie Elaine tittieħed perjodikament f'xi Istitut tas-Sorijiet jew għand xi welfare officer, u jiġu fissati ġranet u ħinijiet meta hu jkun jista' jaraha. Dan ir-rikors a fol. 15 tal-proċess ġie miċħud fit-12 ta' Lulju, 1989;

Illi irriżulta li it-tarbija tinsab f'idejn il-persuni li għamlu ir-rikors għall-adozzjoni tagħha, u hawn ta' min jirrileva li l-Qorti ma tistax tagħti digriet għall-adozzjoni ammenokkè l-adottandi ma tkunx *"continuously in the care and possession of the applicant for at least three consecutive months immediately preceeding the date of the adoption decree"*; inoltre, una volta l-omm tat il-kunsens tagħha skond l-artikolu 115 (3) (b), waqt li l-proċeduri jkunu għadhom pendenti ħadd ma jista' jieħu it-tarbija mingħand l-adottandi *"except with the leave of the court"*;

Illi d-deċiżjonijiet in materja meħuda mill-Qorti wara id-diversi rikorsi ta' Martin Vella iridu jiġu kkunsidrati fid-dawl ta' dawn id-disposizzjonijiet tal-liġi: qabel mal-Qorti tagħti l-permess biex it-tarbija tittieħed mingħand l-*"adoptive parents"*, il-leġislatur, qisu ried jagħmel enfasi fuq il-kriterji li gandhom jipprevalu w speċifika espressament: *"in considering whether to grant or refuse such leave, the Court shall have regard to the welfare of the person to be adopted"* (artikolu 116 (3) ).

Illi l-proċeduri tal-adozzjoni quddiem is-Sekond'Awla

għadhom pendenti w id-digriet finali jrid ikun jew negattiv jew pożittiv; fil-każ ta' eżitu negattiv, it-tarbija tiġi ritornata lill-omm naturali, u allura ir-rikorrent ikollu fuq it-tarbija dawk id-drittijiet w obbligi disposti mill-liġi. Fil-każ ta' eżitu pożittiv min-naħa l-oħra, ir-riżultat ikun li t-tarbija *"shall be considered as the child of the adopter or adopters born to him, her or them in lawful wedlock, and as the child of no other person or persons, relationship being traced through the adopter or adopters" (Article 121(a) )*. Dan ifisser li jekk ir-rikors għall-adozzjoni li hemm pendenti fis-Sekond'Awla relativ għat-tarbija Marie Elaine jiġi milqugħ, ir-rikorrent ma jibqagħlu ebda relazzjoni ġuridika mat-tarbija kif kjarament dispost fl-istess liġi: *"the relatives of the person in respect of whom the adoption decree is made shall lose all rights and be freed from all obligations with respect to such person"* (Article 121 (b) );

Illi fid-dawl ta' dak fuq espost, il-Qorti sejra tikkunsidra jekk ir-rifjut tal-Qorti għat-talbiet tar-rikorrent biex jara u jrabbi it-tarbija, jikkostitwixu "trattament inuman" fil-konfront tiegħu. Din l-allegata vjolazzjoni trid tiġi kkunsidrata fil-kuntest tal-fatti kollha tal-każ, u l-effett li dak it-trattament ikollu fuq id-drittijiet tal-persuni kollha involuti w prinċipalment fl-interess tal-minuri;

Ir-rikorrent ippretenda li jingħata aċċess għat-tifla naturali tiegħu bla telf ta' żmien żejjed, kif ukoll id-dritt li jrabbiha; il-fatt li ma ngħatax dritt li jrabbi lil bintu, fih innifsu, ċertament ma jistgħax jiġi kkunsidrat bħala trattament inuman – kieku kien ikun hawn farraġni ta' rikorsi simili. Dwar din it-talba għat-trobbija il-Qorti ma tħossx li għandha tidħol aktar; anki jekk l-omm ma tkunx trid trabbi lit-tarbija, il-Qorti xorta tista' tifhem li fil-kuntest taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, ikun aħjar li t-tarbija ma tiġix mogħtija lill-missier biex irabbiha hu;

Il-Qorti sejra invece tikkunsidra t-talba għall-aċċess. Prima facie, wieħed jifhem li t-talba tal-missier naturali tidher ġustifikata, però dan ma jfissirx li s-sentimenti w ix-xewqat ta' missier għandhom ikun supremi. Oltre dak li ser jingħad aktar 'il quddiem dwar l-omm, l-interess tal-minuri huwa akbar. Il-Qorti trid tara u twieżen iċ-ċirkustanzi kollha qabel tasal biex tiddeċidi talba bħal din. Fil-każ odjern irriżulta li hemm proċeduri għall-adozzjoni pendenti skond il-liġi quddiem is-Sekond'Awla, u li jekk dawn jiġu milqugħa, il-konsegwenza tkun li r-rikorrent ma jkollu ebda dritt fuq it-tarbija. Il-Qorti li tiċħad l-aċċess għat-tarbija, għax tħoss li trid tevita trawma għall-istess tarbija – u probbabilment anke għar-rikorrent stess – fil-każ ta' digriet għall-adozzjoni, *ma tistax titqies* li qed tittratta lil missier b'mod inuman;

Illi biex ikun hemm trattament inuman trid tkun saret xi azzjoni li tassew tilledi d-drittijiet taċ-ċittadin konċernat. *Il-Qorti* tirreferi għal dak kontenut fid-digrieti tagħha, u tapprezza ix-xewqa kbira ta' missier li jara lil bintu naturali, però *tikkonferma* li d-deċiżjonijiet negattivi għat-talbiet tiegħu jridu jiġu kkunsidrati fid-dawl tal-kwalifika (fil-kuntest, wieħed jista' jaraha bħala avviż) tal-artikolu 116 (3): il-liġi tfakkar lill-ġudikant li qabel jiddeċidi irid ikun ċert li ikkunsidra sewwa l-interess suprem tat-tarbija. Issa f'dan il-każ, il-Qrati li taw id-digrieti negattivi daħlu fil-fond tal-materja w ħassew li ma kellhomx jilqgħu dak li talab ir-rikorrent; il-fatt li t-talba tiegħu tressqet diversi drabi (anki quddiem ġudikanti differenti) u dejjem iltaqgħet ma' l-istess risposta, jassigura 'l-Qorti li d-deċiżjonijiet ittieħdu fid-dawl tal-liġi u fl-interess tat-tarbija. Finalment jiġi rilevat ukoll il-mod spedit li bih tmexxew il-proċeduri f'kull stadju;

Illi dan kollu espost, il-Qorti ma tarax li ċ-ċaħda tar-rikorsi

ta' Martin Vella w l-effett li dawn kellhom fuqu, jikkostitwixxu trattament inuman fil-konfronti tiegħu;

Illi r-rikorrent fir-rikors promotorju, jikkontendi wkoll li il-fatt li bintu tista' tiġi mogħtija in adozzjoni lil terzi kontra ir-rieda tiegħu bħala missier naturali, jikkostitwixxi trattament inuman. Kif ġa fuq espost, il-liġi tagħna in materja tippermetti l-adozzjoni ta' minuri illeġittimu, u f'dan il-każ jinħtieġ biss il-kunsens tal-omm però il-missier naturali għandu jinstema' mill-Qorti qabel tiddeċidi. Għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni l-interessi tal-omm u tal-missier naturali, li meta jinstema' ċertament jispjega ir-raġunijiet tiegħu għar-rifjut; iżda il-proċeduri għall-adozzjoni jibqgħu mixjin anke jekk ikun hemm opposizzjoni espressa tal-missier naturali. Għalhekk, il-proċeduri kollha li qed isiru in rigward tal-adozzjoni tal-minuri Marie Elaine, ma jistgħux jiġu mwaqqfa biss minħabba l-opposizzjoni tar-rikorrent, li wera din l-opposizzjoni bl-aktar mod ċar. Dwar dan, skond ma jidher mill-atti, id-disposizzjoni tal-artikolu 115 (4) (a) ġiet ampjament sodisfatta għaliex kemm ir-rikorrent kif ukoll il-membri tal-familja tiegħu instemgħu fit-tul, w il-Qorti kompetenti m'hix ser tonqos milli tagħti l-valur meħtieġ li dak li esprima ir-rikorrent, qabel tasal għad-deċiżjoni finali tagħha dwar ir-rikors għall-adozzjoni. Ir-rikorrent ma jistgħax però jippretendi li jkollu l-istess trattament bħal missier leġittimu. Kif sostna Lord Denning in re O (An Infant): "*The natural father is not in the same position as a legitimate father. He is a person who is entitled to special consideration by the tie of blood, but not to any greater or other right. His fatherhood is a ground to which regard should be paid in seeing what is best in the interests of the child: but it is not an overriding consideration*";

Għaldaqstant il-Qorti hi tal-opinjoni li l-anqas din ir-raba' lanjanza ma tikkostitwixxi trattament inuman kontra r-rikorrent, għalkemm dan il-punt ser jiġi ukoll trattat aktar 'il quddiem;

Illi fit-tielet paragrafu tar-rikors tiegħu Martin Vella jallega li minħabba l-istess lanjanzi msemmija qabel, anke l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja qed jiġi vjolat. Dan l-artikolu jipprovdi li *"everyone has the right to respect for his private and family life, his home and his correspondence"*. Huwa jissottometti li qed isir ksur tar-rispett għall-ħajja familjari tiegħu; dwar il-familja lleġittima tar-rikorrent, il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza tal-Qorti Ewropeja fil-każ Merckx vs Gvern Belġjan (10/12/77): *"la vita famigliare, nel senso della Convenzione, abbia inizio anche con l'evento nascita di un bambino da una donna non coniugata"*;

Illi fis-sottomissjonijiet tiegħu r-rikorrent insista li ma għandux ikun hemm differenza bejn familja leġittima u waħda illeġittima; dan jista' jkun veru bħala prinċipju, iżda l-Qorti ma taqbilx ma dan meta jkun ser jolqot l-interess tat-tarbija. Veru li ż-żewġ familji għandhom dritt tar-rispett skond il-liġi, imma ma jfissirx li huma l-istess. Il-ġenituri għandhom dritt li jagħżlu li jiffurmaw familja lleġittima, imma dan id-dritt jista' jġib effett fuq krejaturi li ma jkunu ħadu ebda parti f'din l-għażla; huwa għalhekk li jidħlu l-Qrati kompetenti, biex jaraw tassew l-interess ta' dawn il-krejaturi nnoċenti w kolpiti tant direttament bid-deċiżjonijiet ta' min għoġbu iġibhom fid-dinja. Il-Qorti għandha tara kif iż-żewġ "tipi" ta' familji jolqtu l-interess tal-minuri. Għalkemm illum kulħadd jikteb u jitkellem dwar l-ugwaljanza bejn persuni leġittimi u dawk illeġittimi, il-Qorti temmen li jkun aħjar għal tarbija li titrabba f'familja leġittima milli f'waħda illeġittima;

Illi barra mir-rikorrent u t-tarbija, il-Qorti trid tara wkoll l-interess tal-omm. Ritan Grima trid twarrab it-trawma li għaddiet minnha minħabba relazzjoni sfortunata; għandha dritt l-omm tipprova tagħlaq f'parentesi din l-isfortuna, u tħares mill-ġdid b'fiduċja lejn il-futur bħal kull tifla oħra bħalha ta' ħmistax, sittax-il sena. Jekk it-tarbija ma tingħatax in adozzjoni, Ritan Grima għandha quddiemha ħajja ta' inkwiet u qrati li ċertament ma tħallihix tgħix żogħżitha w tipprova tifforma familja serena. Dawn ix-xewqat tal-omm ukoll għandhom jingħataw il-piż ġust tagħhom; però il-Qorti taqbel ma' dak li qal Lord Denning f'parti oħra mis-sentenza tiegħu ġà citata: *"the first and paramount consideration is the welfare of the child to which other considerations must be subordinate"*;

Waqt it-trattazzjoni, id-difensur tar-rikorrent issottometta li huwa każ stramb li l-omm trid tissopprimi l-istess istint tagħha u tirrinunzja għad-drittijiet u obbligi morali, legali u bijoloġiċi tagħha. Dan huwa kliem li jqanqal jekk tieħdu fih innifsu, imma iċ-ċirkustanzi partikulari tal-każ jistgħu jispjegaw is-sentimenti tal-omm w anke jiġġustifikawha. F'każ simili in re *Adoption Application* 14/61 (No. 2) Wilberforce J. jagħti opinjoni differenti dwar omm li ħadet deċiżjoni simili: *"I do not accept for a moment the argument of the father that by offering the child for adoption she has forfeited her own claims. The decision reached was, it seems to me, wholly to her credit"*;

Illi f'din il-kawża għandna lill-omm naturali, li bil-kunsens tagħha għall-adozzjoni ta' bintha kkrejat sitwazzjoni li mill-iżvilupp tagħha tqanqlu l-proċeduri odjerni. Oltre dak li ngħad dwar id-deċiżjoni tagħha fiha nfisha, il-Qorti tifhem li din id-deċiżjoni ttieħdet minn omm li hi wkoll kienet ġiet adottata w li, anke wara il-problemi li ltaqgħet magħhom, hija għal kollox

sodisfatta mill-adozzjoni tagħha, anzi tgħid li hi *"proud"* bl-adozzjoni tagħha;

Illi dawn is-sentimenti ta' Ritan Grima versu l-ġenituri adottivi tagħha jidhru li huma mill-isbaħ u ma kienu qatt ta' l-ebda problema; tant ma kellha ebda komplessi dwar l-istat tagħha, li għalkemm tkellmet mar-rikorrent apertament dwaru, qatt ma ħasset anqas il-bżonn jew il-kurżità li tara min kienu il-ġenituri tagħha naturali. Sfortunatament għaliha, ir-relazzjoni li kellha mar-rikorrent u mal-familja tiegħu effettwawlha din is-serenità peress li missier ir-rikorrent daħħlilha f'rasha in-neċessità li ssir taf lil ommha naturali, peress li ried jara w jikkontrolla jekk fost l-antenati tagħha kienx hemm xi iswed! Dak li fil-ħmistax-il sena ta' ħajjitha qatt ma għamlet, ġegħelha tagħmlu missier ir-rikorrent. Bis-saħħa tiegħu serħet rasha li ma għandhiex demm iswed;

Illi dan juri li a differenza ta' dawk li jieħdu deċiżjoni dwar l-adozzjoni bażata fuq tejoriji jew preġudizzji, Ritan Grima għażlet li tagħti lil bintha għall-adozzjoni b'għajnejha għal kollox miftuħa, u wara esperjenza proprja w diretta. Jidher ukoll mill-atti li il-ġenituri adottivi tagħha iħobbuha u isegwuha anke waqt li għaddejja mill-problemi kbar li ġew fuqha meta kellha x'taqsam ma' ġuvni seba' snin akbar minnha, li kellu ġa diversi namrati qabilha u li, meta kien ilu anqas minn xahrejn jafha, abbuża mill-età tenera tagħha, u fuq kollox mill-inesperjenza tagħha. Hija qatt ma kienet ħarġet ma' ebda ġuvni, kienet għadha tmur l-iskola u skond missier ir-rikorrent "kienet tagħmel il-*homework* għandna". F'sitwazzjoni hekk sfortunata hija sabet lill-ġenituri adottivi tagħha biex jieħdu ħsiebha;

Illi ir-rikorrent dejjem jirreferi għall-*"adoptive parents"*

bħala terzi persuni li ma għandhom ebda dritt fil-każ, u li anzi ir-rikors tagħhom "sar għar-raġunijiet, anke jekk aċċettabbli, imma dejjem egoistiċi". Il-Qorti m'hix qed tittratta r-rikors għall-adozzjoni w allura ma tistax tidħol fuq dan il-punt, però huwa fatt li fil-każ li l-Qorti kompetenti tilqa' ir-rikors tagħhom, allura huma isiru il-ġenituri tat-tarbija bid-drittijiet u obbligi li iġib miegħu dan l-istat. Illi una volta sar ir-rikors tagħhom skond l-artikolu 114 tal-Kodiċi Ċivili, inħoloq stat ġuridiku li għalkemm mhux neċessarjament permanenti, jikkreja, sakemm għadu pendenti, obbligi w dmirijiet għall-partijiet kollha interessati; dan kollu irid jittieħed in konsiderazzjoni minn dina l-Qorti biex tikkonsidra jekk qed jiġi les xi dritt tar-rikorrent;

Id-drittijiet fundamentali tal-bniedem ma nistgħux narawhom b'mod assolut, imma huma relativi għaċ-ċirkustanzi u persuni oħra involuti fil-każ. Fir-rikors odjern għandna lil Martin Vella li jixtieq jara u jrabbi lil bintu naturali, imma għandna ukoll lill-istess bintu – tifla li minħabba l-iżball tal-ġenituri tagħha hija illeġittima – stat li ser jibqa' jiġri magħha sal-mewt; wieħed mill-vantaġġi li tgawdi t-tarbija jekk tiġi adottata, huwa proprju li tieħu l-istat ta' persuna leġittima; inoltre, jekk l-adozzjoni tkun suċċess bħal dik ta' ommha, forsi ma issib lil ħadd li jistiga biex tfittex u tikkontrolla jekk għandix xi iswed fost l-antenati tagħha;

Illi r-rikorrent għandu dritt għar-rispett tal-familja illeġittima tiegħu li tikkomprendi it-tarbija Marie Elaine. Dan però ma jfissirx li jekk il-Qorti tħoss li għandha twaqqfu għal xi żmien, sakemm jiġi deċiż ir-rikors għall-adozzjoni, milli jara lil bintu, tkun qed tipprivah minn dan id-dritt għar-rispett tal-familja; dan fil-każ tar-rikorrent qed isir fl-aħjar interess tat-tarbija;

Illi fir-raba' paragrafu tar-rikors promotorju, Martin Vella jallega li d-dewmien fil-proċeduri għall-aċċess għat-tarbija, jikser il-garanziji salvagwardati bl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u dak 6 tal-Konvenzjoni. Dawn jipprovdu li *"the case shall be given a fair hearing within a reasonable time"* u li *"everyone is entitled to a fair and public hearing within a reasonable time"*. Ir-rikorrent qed jilmenta li għadda aktar minn *"reasonable time ..... in the determination of his civil rights"* u li dan l-allegat dewmien imur kontra d-drittijiet imsemmija;

Illi Vella ppreżenta dan ir-rikors wara li kien ippreżenta diversi rikorsi fejn talab li jara w jrabbi lit-tarbija, u dawn ġew kollha miċħuda. Ta' min jinnota li r-rikorsi msemmija ġew dejjem dekretati f'qasir żmien, u r-rikorrent żgur ma jistax jilmenta minn xi dewmien f'dawn id-deċiżjonijiet. Peress li Vella ma rnexxilux jottjeni dak li jippretendi, wara l-ewwel rikors ippreżenta t-tieni wieħed, u in segwitu l-oħrajn ta' warajhom. Jidher li l-ilment tiegħu dwar ir-rikorsi mhux ġej mill-fatt li dawn ħadu iżjed minn *"reasonable time"* biex jiġu deċiżi, imma pjuttost mill-fatt li dawn dejjem kellhom eżitu negattiv;

Illi sfortunatament, ir-rikorrent wara l-ebda digriet negattiv ma ħass li kellu jinterponi appell jew jimpunjah kif provdut fil-liġi. Dak li ġara kien li wara kull rikors kien jieqaf għal ftit taż-żmien, u imbagħad jerġa' jippreżenta rikors ieħor. It-talbiet tiegħu ġew ikkunsidrati minn tlett ġudikanti differenti, bl-istess riżultat. Il-Qorti tapprezza s-sottomissjoni tar-rikorrent li l-proċedura tal-appell tista' tieħu fit-tul, imma hija persważa li kieku sar l-appell, per eżempju wara l-ewwel digriet negattiv, ma kienx jgħaddi tant żmien biex ikun hemm deċiżjoni definittiva fuq materja simili;

Illi oltre r-rikorsi minnu preżentati, il-proċeduri li dwarhom ir-rikorrent jista' jilmenta mid-dewmien huma r-rikorsi għall-adozzjoni u ċ-ċitazzjoni li huwa ippreżenta fit-28 ta' Settembru, 1988;

Ir-rikors għall-adozzjoni jidher li ġie trattat b'ħeffa u saru ħafna seduti li fihom xeħdu pjuttost fit-tul bosta nies inklużi r-rikorrent u l-membri tal-familja tiegħu; dan ir-rikors għadu ma ġiex deċiż x'aktarx minħabba d-diversi rikorsi sussegwenti li intavola u ċ-ċitazzjoni li ippreżenta, u aktar tard minħabba dan ir-rikors Kostituzzjonali;

Illi ħarsa sempliċi lejn id-dati tal-preżentata, tad-differimenti, tal-verbali tax-xiehda mogħtija u tal-proċessi innifishom, juru kif il-proċeduri relativi imxew "*a tamburo battente*" kif kien jixraq. Il-punti sollevati u l-problemi li tqanqlu ċertament ma ppermettewx lill-Qrati jaslu għal deċiżjonijiet aktar malajr. Anke id-difensuri tar-rikorrent irrikonoxxew li l-Qrati mxew bl-ispeditezza kollha possibbli;

Dan il-punt ġie tratta f'diversi kawżi quddiem il-Qorti Ewropeja u senjatament fil-kawż Haase vs Repubblika Federali Tedeska (12/7/77) u Hatti vs Repubblika Federali Tedeska (20/5/76); fl-ewwel waħda ġie ritenut li ż-żmien raġonevoli għall-kawżi "*va interpretato in relazione alle circostanze concrete e non in astratto.*" Fit-tieni każ imsemmi ntqal li ż-żmien raġonevoli ma nistgħux naslu għalih "*con un mero calcolo aritmetico del tempo trascorso*" imma wieħed kellu jara kull fażi tal-proċeduri, il-komplessità tal-punt u s-sollecitudni tal-Qorti; inoltre, u dan huwa wkoll applikabbli għal każ in eżami, meta il-persuna konċernata tkun ippreżentat xi rikorsi skond il-liġi u dawn ikunu tawlu il-proċess, "*non può poi lamentare*

*l'eccessiva lunghezza della procedura dipendendo questa soltanto dalla sua iniziattiva'';*

Illi l-Qorti hi tal-opinjoni li ir-rikorrent qed jikkontendi li kien hemm dewmien *''in the determination of the case''* biss għaliex id-deċiżjonijiet li sa issa ttieħdu ma kinux favorevoli għalih u għaliex għadu ma ottjeniex dak li jippretendi li ħaqqu. Għalhekk fiċ-ċirkustanzi tal-każ, il-Qorti ma tħossx li r-rikorrent sofra ksur tad-drittijiet fundamentali salvagwardati fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni minħabba dewmien fil-proċeduri għall-aċċess għat-tarbija;

Il-Qorti sejra issa tgħaddi biex tikkunsidra l-allegazzjoni li ''il-liġi tal-adozzjoni fiha nfisha, meta tittratta b'mod differenti il-missier leġittimu w il-missier naturali, tivvjola l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja''. Din l-allegazzjoni tirrigwarda l-artikolu 115(3) (a) li jipprovdi li *''an adoption decree shall not be made in any case, other than the case of an illegitimate person, except with the consent of every person who is a parent of the person to be adopted and who is alvie''* u (b) li tipprovdi li l-adozzjoni ma ssirx *''in the case of an illegitimate person, except with the consent of the mother if she is alive'';*

Illi minn dawn id-disposizzjonijiet jidher li, fil-proċeduri għall-adozzjoni, jekk il-missier leġittimu jirrifjuta li jagħti l-kunsens tiegħu, l-adozzjoni ma tistax issir, waqt li fil-każ ta' adottant illeġittimu, il-liġi titlob biss il-kunsens tal-omm; iżjed 'il quddiem l-istess artikolu jgħid li qabel jingħata digriet *''the Court shall, in the case of an illegitimate person, hear the natural father if he has acknowleged the person to be adopted as his child or if the Court is satisfied that he has contributed towards his maintenance or has shown a genuine and continuing interest*

*in him"*. Dan juri li l-Qorti ma tagħtix l-istess drittijiet lill-missier naturali bħal dawk mogħtija lill-missier leġittimu; nistgħu ngħidu li l-missier leġittimu għandu d-dritt tal-*veto* waqt li il-missier naturali ma għandux;

Ir-rikorrent isostni li din is-sitwazzjoni tivvjola l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni li jistabbilixxi li d-drittijiet fiha elenkati jridu jiġu imħarsa *"without discrimination on any ground such as ..... birth or other status"*.

Illi l-Qorti ma taqbilx li r-rikorrent għandu dritt jagħmel riferenza għal "*birth*" imsemmi fl-artikolu 14. Ma irriżultax li l-istatus tat-twelid tiegħu qed ikun il-kaġun ta' xi allegat ksur tad-drittijiet tiegħu, però il-punt sollevat jista' jiġi kkunsidrat in kwantu jolqot lis-"*status*" tiegħu. Alfred Grima ssottometta li ma jistax jingħad "illi li tkun missier ta' tarbija illeġittima jammonta għal status". Il-Qorti ma taqbilx ma' dan. L-artikolu 14 irid iħares it-tgawdija tad-drittijiet elenkati fil-Konvenzjoni nnifisha mingħajr diskriminazzjoni ta' status. Dak li qed jallega r-rikorrent huwa proprju li qed jitlef xi drittijiet minħabba l-fatt li hu missier illeġittimu u mhux missier leġittimu; jiġifieri l-istatus tiegħu ta' missier illeġittimu qed ikun kaġun ta' telf ta' drittijiet li altrimenti kien ikollu. Hekk ukoll kienet taqa' taħt dan l-artikolu kieku mara tallega li qed issir diskriminazzjoni kontriha peress li hi qed titlef xi drittijiet minħabba l-istat tagħha ta' mara miżżewġa vis-a-vis waħda mhux miżżewġa;

Il-Qorti għalhekk issa ser tgħaddi biex tikkunsidra jekk il-fatt li ir-rikorrent bħala missier illeġittimu għandu anqas drittijiet milli kieku kien leġittimu, jikkostitwixxix diskriminazzjoni kontra l-artikolu 14 tal-konvenzjoni.

Illi huwa paċifiku li mhux kull distinzjoni hija diskriminazzjoni għaliex ċerti distinzjonijiet huma neċessarji għal raġunijiet politiċi jew soċjali. Ħadd ma jikkunsidra li hi xi vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem li minorenni huwa soġġett għal ċerti limitazzjonijiet fl-azzjonijiet u libertajiet tiegħu. L-anqas hi diskriminazzjoni għall-Konvenzjoni jekk ikun hemm liġi li tillimita id-dritt ta' azzjoni ta' min ikun infett minn ċertu mard li jittieħed jew mard mentali;

Il-Konvenzjoni Ewropeja tiggarantixxi il-libertà tal-espressjoni (artikolu 10), id-dritt "*to freedom of peaceful assembly*" w il-prinċipju innifsu tan-non-diskriminazzjoni. *Ma* jistax però jingħad li hemm xi vjolazzjoni ta' dawn id-drittijiet meta l-artikolu 16 jippermetti li dawn jiġu limitati fil-każ ta' "*aliens*". Qed issir distinzjoni bejn ċittadin ta' pajjiż u dak ta' pajjiż ieħor – b'daqshekk ma jfissirx li qed issir diskriminazzjoni li tivvjola il-prinċipji tal-Konvenzjoni dwar l- "*istatus*" tal-persuna involuta;

Dan il-punt ġie ukoll trattat mill-Qorti Ewropeja fil-kawża ta' Merckx: "*L'articolo 14 della Convenzione, pur vietando discriminazioni, non esclude la possibilità che si abbiano disparità di trattamento, a condizione peraltro che queste trovino una ragionevole gustificazione da apprezzare in rapporto allo scopo e agli effetti del provedimento, tenendo conto dei principi generalmente accettati nelle società democratiche europee; deve altresi risultare una ragionevole proporzione tra i mezzi impiegati e lo stato raggiunto*";

Il-Qorti għalhekk trid teżamina jekk fil-proċeduri għall-adozzjoni, l-imsemmija distinzjoni bejn missier leġittimu u ieħor illeġittimu, hijiex diskriminatorja skond il-Konvenzjoni. L-istitut

tal-adozzjoni insibuh fil-pajjiżi kollha. Ta' min jinnota li anke saż-żminijiet tar-Rivoluzzjoni Franċiża u il-Kodiċi ta' Napuljun: *"l'adozione veniva concepita come un negozio contrattuale, produttivo di limitati effetti giuridici ed idoneo ad assicurare la trasmissione del patrimonio e la continuazione del nome a chi fosse privo di discendenti legittimi"*. Sa dawk iż-żminijiet *"l'interesse preso in considerazione e da salvaguardare era quello dell'adottante, la posizione dell'adottato era secondaria"*. L-iżvilupp tat-tagħlim soċjali u l-effetti tat-tieni Gwerra Mondjali b'miljuni ta' orfni abbandunati, biddlet il-konsiderazzjoni għall-istitut, u tatu aspett u funzjoni soċjali. Wieħed mir-riżultati diretti ta' din il-bidla kien proprju li l-adozzjonijiet ma baqgħux iżjed ta' persuni tal-età, imma bdew isiru għal trabi u tfal. Infatti il-Konvenzjoni Ewropeja dwar l-Adozzjoni tikkunsidra biss adozzjonijiet ta' persuni taħt it-tmintax-il sena; dan jirriżulta ukoll fil-liġi tagħna, ħlief fil-każi ta' adozzjonijiet mill-ġenituri stess. Dan il-kambjament tal-enfasi favur l-interess tal-minuri adottandi huwa rifless ukoll fid-diversi disposizzjonijiet li nsibu fil-liġi u li wħud minnhom, fejn l-interess tal-minuri ġie sottolinejat, ġa issemmew aktar 'il fuq;

Illi għalhekk fil-kunsiderazzjoni tal-lanjanza tal-missier naturali, il-Qorti bil-fors trid, oltre l-interess tal-omm u tal-missier, tieħu l-aktar in kunsiderazzjoni l-interess tal-minuri adottand;

Illi l-Qorti tikkunsidra li għat-tarbija, iċ-ċirkustanzi ta' familja illeġittima ma humiex l-istess bħal dawk ta' waħda leġittima. Ċertament ma jistax ikun hemm bejn il-ġenituri f'familja illeġittima dik l-armonija u identità ta' interessi li hija awspikata f'familja leġittima normali. Il-ġenituri naturali x'aktarx li jkollhom interessi differenti w ma jkunux iridu l-istess ħaġa

u jħarsu lejn it-trobbija tal-minuri minn aspetti differenti: ma għandhomx l-opportunità (forsi tort ta' xi parti minnhom) li fis-serenità familjari jidentifikaw u jiddiskutu il-problemi relativi għall-ulied bl-iskop li jaslu għall-identità tas-soluzzjoni proprosta. L-esperjenza tgħallimna li fir-relazzjonijiet tagħhom (l-aktar minħabba *dak li jkun inqala' bejniethom*), *jidħol l-element ta'* pika li ċertament ma jħarisx l-interess suprem tat-tarbija. Il-kunsens jew rifjut tal-ġenituri naturali irid jiġi eżaminat ukoll f'dan l-isfond;

Illi l-Qorti hi tal-opinjoni li l-allegat nuqqas tad-drittijiet tal-missier illeġittimu vis-a-vis dak leġittimu m'hix qed issir bħala konsegwenza tal-istatus tiegħu ta' missier illeġittimu. Ġiet introdotta għal raġunijiet soċjali u anke politiċi li jimmilitaw favur l-istat ta' leġittimità tal-adottand (it-tarbija malli tiġi adottata takkwista stat ta' leġittimità għall-ħajjitha kollha) u favur l-*interess tat-tarbija* – l-omm ġeneralment tkun l-aħjar persuna li tista' tesprimi dan l-interess stante li ċertament ir-rabta tagħha mat-tarbija hija l-aktar sħiħa;

Il-punt jekk id-distinzjoni kontra il-missier naturali hijiex vjolazzjoni kontra il-Konvenzjoni qed jiġi trattat fl-astratt peress *li dak li ser jingħad dwaru jkun japplika għall-każi kollha*; però iċ-ċirkustanzi tal-partijiet li taw lok għar-rikors odjern jitfgħu dawl fuq il-materja in diskussjoni. Jekk wieħed jirrejalizza kif Martin Vella ġuvni ta' 21 sena nesa' għal aktar minn sitt xhur li kien taqqal li Ritan Grima u li din kienet qed iġġorr fi ħdana krejatura minnu konċepita, malajr tidher ċara id-distinzjoni fir-rabta mat-tarbija bejn missier leġittimu w wieħed illeġittimu. Għalkemm ir-rikorrent kien jaf eżatt x'għamel ( u kien ġa daħal anke fil-kwistjoni tad-demm tal-antenati tat-tifla li taqqal), u għalkemm presumibilment kien jaf li it-tqala iddum disa' xhur,

hu stess xehed li minn Jannar (ġa f'nofs il-perijodu tal-ġestazzjoni) qata' għal kollox minn magħha. Minn Jannar qisu nesa kollox, u bħala fatt ma segwa xejn x'kien qed jiġri minn dik il-krejatura li kien iġġenera; ir-rifjut tat-tifla li tkompli tkellmu ma jiġġustifikax atteġġament bħal dan – il-persistenza tar-rikorrent dehret ċara fil-proċeduri intensi u ripetuti li hu ħa biex ikun jista' jara it-tarbija u biex ma jħallihiex tiġi adottata. Fl-aħħar ta' Mejju twieldet it-tarbija wara perijodu normali ta' tqala. Wieħed kien jistenna li Martin Vella, attent biex jiskadi il-perijodu neċessarju ħalli jibda jieħu il-passi opportuni fir-rigward tat-tarbija tiegħu biex ikun jista' jaraha, ma għamel xejn u anke Ġunju għadda bla ma ftakar. L-omm fettlilha iċċempillu fuq ix-xogħol, però xehed: "Jien ma stajtx inkellimha għax kelli l-boss ħdejja". Anke f'din l-okkażjoni il-missier naturali kien mistenni jew jitlob permess lil "*boss*" jippermettilu jkompli telefonata tant importanti, jew almenu immedjatament wara jara x'jagħmel biex jikkomunika magħha; xejn minn dan, anqas dik it-telefonata ma ġegħlitu jiftakar. B'danakollu it-tifla, allura ta' ħmistax-il sena, li minħabba it-tqala kienet spiċċat mill-*fifth form* tal-iskola, ma qatetx qalbha u, fi kliem l-istess rikorrent: "wara li ġiet risposta ma ħija Stephen mingħand Ritan", il-partijiet iltaqgħu f'bar f'Paceville. Hawn Grima ippruvat tipperswadih li kienet tilfet it-tarbija; din l-istorja r-rikorrent emminha w missieru xehed "meta t-tifel ġie jgħid li Ritan kellha *miscarriage* jien ma emmintx u issuġġerejtlu li jagħmel riċerka r-Reġistru Pubbliku". Jidher ċar li kieku Ritan Grima ma nsistitx mar-rikorrent, dan anqas kien ikun sar jaf bit-twelid, u li kieku ma kienx għal missieru kien ikun aċċetta li hi tilfet it-tarbija. Fil-fatt huwa sar jaf li kienet twieldet atkar minn xahar u nofs wara it-twelid;

Illi dan in-nuqqas ta' interess ta' missier illeġittimu juri

kemm hi ġustifikata id-distinzjoni bejn missier illeġittimu u dak leġittimu; dak leġittimu kien *ċertament* isegwi fil-viċin l-andament tat-tqala w it-twelid, u kien ukoll naturalment ikkontribwixxa għalihom finanzjarjament;

Il-Qorti ma tħossx li għandha tidħol dwar iċ-ċirkustanzi w maturità tal-ġenituri tal-adottandi peress li l-punt sollevat irid jiġi deċiż fil-konfront ta' kull missier illeġittimu li seta' kien ġuvni twajjeb bla esperjenza li sab ruħu fil-problema għax tkun daħħlitu fiha xi mara tad-dinja, jew seta' kien raġel matur li nserta f'posizzjoni li jrabbi hu it-tarbija; xorta l-istess kunsiderazzjonijiet għandhom jiġu kkunsidrati, u dawn iwasslu l-Qorti għall-fehma li hemm raġunijiet biżżejjed li jispjegaw għaliex il-liġi tagħmel distinzjoni bejn missier leġittimu u wieħed illeġittimu w li għalhekk m'hix diskriminatorja;

Illi l-allegata diskriminazzjoni qed tiġi bażata fuq il-Konvenzjoni Ewropeja. Barra li esprimiet ruħha dwar il-kwistjoni hawn fuq, il-Qorti ma tistax tiskarta it-test tal-*European Convention on the Adoption of Children*, li ġiet ippreparata u approvata mill-Kunsill tal-Ewropa: f'din il-Konvenzjoni li ġiet ukoll iffirmata minn pajjiżna, il-missier naturali, bħal fil-liġi tagħna, ma għandux dritt li jwaqqaf l-adozzjoni waqt li l-kunsens tal-missier leġittimu huwa essenzjali. L-artikolu 5(1) (a) tagħha jgħid li l-adozzjoni ma tingħatax jekk ma jkunx hemm *"the consent of the mother and, where the child is legitimate, the father"*; jiġifieri l-istess distinzjoni insibuha f'dokument maħruġ u mogħti bħala mudell għall-pajjiżi membri, proprju mill-Kunsill tal-Ewropa. Għalhekk għalihom din id-distinzjoni ma tistax tkun ikkunsidrata bħala diskriminatorja skond Konvenzjoni oħra tagħhom.

Illi minn dak espost il-Qorti hi tal-opinjoni li d-distinzjoni bejn id-drittijiet tal-missier leġittimu u dak illeġittimu kontenuta fil-liġi dwar l-adozzjoni għandha ir-"*ragionevole gustificazione*" rikjesta u ma tmurx kontra id-disposizzjonijiet kontenuti fl-artikolu 14 tal-Att XIV tal-1987;

Għal dawn il-motivi il-Qorti tiddeċidi dan ir-rikors billi tiddikjara li l-fatti allegati w elenkati fir-rikors ta' Martin Vella ma jikkostitwux vjolazzjoni tal-artikoli 36 u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikoli 3, 8, 6 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem;

Stante in-natura tal-punti sollevati, l-ispejjeż jibqgħu bla taxxa;

Minn din is-sentenza appella Martin Vella. Mar-risposta għal dan l-appell – Alfred Grima bħala l-leġittimu rappreżentant ta' bintu minuri Ritann Grima għamel ukoll rikors biex jappella inċidentalment;

Il-konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti jridu jibew mill-kwistjoni proċedurali.

Din il-vertenza bdiet b'riferenza mis-Sekond'Awla tal-Qorti Ċivili;

Huwa veru illi skond l-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni:

"Jekk f'xi proċeduri f'xi qorti li ma tkunx il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili jew il-Qorti Kostituzzjonali tqum xi kwistjoni dwar il-ksur ta' xi waħda mid-disposizzjonijiet....." rigward id-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali ta' l-individwu "...dik il-

qorti għandha tibgħat il-kwistjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili..." u għalhekk ir-riferenza li saret hija konsentita sempliċement għaliex il-kliem użat fid-disposizzjoni tas-subinċis jikkomprendi "proċeduri f'xi qorti" li ma jeskludux dawk il-proċeduri li jsiru quddiem is-Sekond'Awla tal-Qorti Ċivili;

Iżda riferenza bħal din toħloq problemi anki prattiċi, li setgħu faċilment ġew evitati, kieku, minħabba l-fatt ċentrali li l-proċeduri quddiem dik il-qorti, ġeneralment ma jkunx ta' natura kontenzjuża imma ta' natura volontarja, u riferenza bħal din tirriżulta nieqsa minn leġittimu kontradittur meta tgħaddi quddiem il-Prim'Awla ta' l-istess Qorti. Għal dan in-nuqqas proċedurali gravi kellha difatti **issib xi kwalità ta' soluzzjoni,** l-istess Prim'Awla li malli saret ir-riferenza, ordnat **in-notifika** tar-rikors li kien għamel Martin Vella fis-Sekond'Awla fit-8 ta' Mejju, 1989, lill-Onorevoli Prim Ministru, u fl-ewwel seduta – dik tat-18 ta' Mejju 1989 – *ordnat ukoll* ***in-notifika*** *lil Alfred* Grima bħala il-leġittimu rappreżentant ta' bintu minuri Ritann Grima;

Il-persuni **notifikati** irrispondew però b'daqshekk ma sarux partijiet fil-proċedura, għaliex ma ġewx kjamati in kawża la mill-Qorti u l-anqas mir-rikorrenti. Kull kawża essenzjalment irid ikollha leġittimu kontradittur, biex l-eventwali sentenza tagħmel stat fil-konfront tiegħu. Altrimenti r-riskju huwa li sentenza f'proċeduri mingħajr kontradittur tispiċċa biex ma torbot lil ħadd; kif saġġjament u ġustament jiddisponi l-artikolu 237, Kapitolu 12:

"Is-sentenza ma tista' tkun qatt ta' ħsara għal min, la huwa nnifsu u lanqas bil-mezz ta' l-awturi jew ta' rappreżentant leġittimu tiegħu, ma jkunx parti fil-kawża maqtugħa b'dik is-sentenza";

L-Onorevoli Prim Ministru fir-risposta tiegħu għall-appella inċidentali ta' Alfred Grima nomine jgħid:

"... il-proċedura ta' riferenza ta' kwistjoni li tkun qamet quddiem Qorti, hi ta' utilità kbira liċ-ċittadin għaliex issolvi ħafna problemi li talvolta jistgħu jitqajjmu dwar il-leġittimità ta' kontraditturi."

Din is-sottomissjoni hija skorretta u l-Qorti tħoss li għandha tissottolinejha għaliex proprju l-"ħafna problemi" dwar il-leġittimità tal-kontraditturi, huma dawk, li din il-proċedura ta' riferenza mis-Sekond'Awla tal-Qorti Ċivili toħloq; u dawn, jipprejokkupaw lill-Qorti nkwantu kif intqal is-sentenza f'din il-proċedura, ta' din il-Qorti – la torbot l-Onorevoli Prim Ministru u l-anqas lil Alfred Grima nomine;

Il-proċedura indikata kienet illi Martin Vella jipproċedi b'rikors fil-Qorti Ċivili Prim'Awla kontra dawk il-persuni li huwa jidhirlu li għandhom jirrispondu għall-gravami tiegħu w li jkunu marbuta li jesegwixxu r-rimedji li talvolta dik is-sentenza tordna;

Dan mhux possibbli f'din il-preżenti proċedura. Imma hawnhekk il-Qorti, f'dan l-istadju, ma tistax tannulla il-proċeduri hekk nieqsa minn elementi essenzjalissimi għar-raġuni sovrastanti tal-ġustizzja mat-tarbija li wara kollox hija n-nukleju ċentrali li madwarha qed iduru dawn il-proċeduri kollha u mhux biss m'hix parti fil-ġudizzju imma l-anqas ma rċeviet notifiki ta' dak li qed isir li finalment l-aktar li jolqot huwa lilha. Proprju in-nuqqas ta' din il-leġittima kontradittriċi prinċipali ta' l-istanza tar-rikorrenti, huwa dak li ħoloq l-aktar problema għall-ġudizzju ta' din il-Qorti li ma kellhiex il-konfort ta' l-intervent ta' min kellu jirrappreżenta **esklussivament** l-interessi tagħha fil-kawża.

Naturalment għal dan in-nuqqas kellha tissupplixxi l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili u din il-Qorti, però dan ir-rimedju qatt ma huwa kompletament sodisfaċenti għaliex ipoġġi lill-ġudikant fis-sitwazzjoni anomala li jaqdi wkoll esiġenzi ta' parti in kawża;

Għalhekk għalkemm l-eċċezzjoni ta' Alfred Grima fuq dan il-punt hija fondata – u kellha tiġi milqugħa fl-ewwel stadju tal-proċedura, issa, wara ż-żmien li għadda, din il-Qorti – kif intqal – se tagħti din is-sentenza fl-interessi supremi tal-Ġustizzja;

L-ewwel lament tar-rikorrenti huwa li jikkostitwixxi trattament inuman:

(i) li huwa qed jiġi mċaħħad, bħala missier it-tarbija, mid-dritt li jrabbiha meta ommha m'hix lest li tagħmel dan;

(ii) li ġie pprivat mill-aċċess għal bintu;

(iii) li kontra l-volontà tiegħu, bintu tingħata in adozzjoni;

*Dak kollu li qiegħed jillamenta minnu* Martin Vella *huwa* bażat fuq il-fattur uniku w prinċipali li huwa missier tat-tarbija. L-eżami huwa tar-relazzjoni li għandu jkun hemm bejn waħda mill-ġenituri, fil-każ il-ġenitur – u l-ġenerata – it-tarbija. Kull dritt fundamentali li r-rikorrent qiegħed jirrikjama relativament għal dik ir-relazzjoni huwa suġġett għar-rispett tad-drittijiet u l-libertajiet ta' l-oħra, tat-tarbija, *kif* jiddisponi *l*-artikolu *32* tal-Kostituzzjoni. Hija din ir-relatività fil-posizzjonijiet tal-missier u t-tarbija li torjenta s-soluzzjoni tal-problema. Biex it-tarbija minn ġenituri li m'humiex magħqudin u ma jiffurmawx familja

– la effettivament, la soċjalment u l-anqas ġuridikament, ma ssofrix, hija stess, il-konsegwenzi, ħafna drabi strazzjanti w kontinwi tul ħajjitha kollha, tal-vjolazzjonijiet tad-drittijiet fundamentali tagħha, minħabba dak il-fatt, il-liġi trid tagħżel – u l-għażla li saret fil-Kodiċi Ċivili hija li bejn it-trattament inuman tal-ġenitur u s-sitwazzjoni permentement infeliċi ta' l-illeġittimi matul il-ħajja – daqstant ieħor inumana mill-punto di vista tas-sentiment u l-affettività; – il-ġenitur – għal raġunijiet ovvji jrid iċedi l-pass għad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali ta' bintu;

Huwa biżżejjed magħruf illi tarbija adottata, kif imiss, takkwista dawk id-drittijiet fundamentali li qiegħed jirrikjama għalih, missierha – drittijiet li altrimenti, minħabba n-nuqqas ta' rabta tal-ġenituri w in-nuqqas ta' familja – hija bla dubbju ta' xejn se tbati. Id-drittijiet fundamentali tagħha, kemm issa u kemm 'il quddiem – għandhom jiġu preferuti għad-drittijiet fundamentali tal-missier. Ir-raġunijiet huma ovvji u m'għandhomx bżonn li jiġu ripetuti. Ir-rispett għad-drittijiet u libertajiet fundamentali ta' min jiġi ġenerat, jimponi fuq il-ġenituri li jiġġenerawha, l-osservanza ta' dak kollu li huwa neċessarju għall-godiment sħiħ ta' dawk id-drittijiet u libertajiet tat-tarbija; u f'dan il-każ kollu – bħal tant u tant oħrajn bħalu – il-qofol ta' kull soluzzjoni ġusta fid-dawl tad-Dritt Naturali bilfors trid tinstab fir-riċerka ta' min, u kif, sofra verament l-ewwel leżjoni tad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-persuna. U f'din is-sitwazzjoni ta' konflitt ta' dawn id-drittijiet – li ma jistgħux altrimenti jiġu konċiljati – dak li kkommetta l-ewwel vjolazzjoni ma jistax jiġi preferut għal dik il-persuna li ma kkommettiet ebda vjolazzjoni u se tbati dawk il-vjolazzjonijiet konsegwenzjali għall-ewwel vjolazzjoni da parti ta' min iġġenerha;

L-istess jingħad rigward dak li qed jillamenta r-rikorrent fuq l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja. Ma jistax ir-rikorrent jirrikjama rispett għall-ħajja familjari meta proprju l-operat tiegħu ma rrispetta bl-ebda mod il-prinċipji kardinali tal-formazzjoni tal-familja. Dawn jirrikjedu r-rispett l-ewwelnett tal-kapaċità u l-volontà u l-kunsens tal-persuna l-oħra li magħha jrid jikkostitwixxi l-familja u dan ir-rispett ta' dan id-dritt fundamentali jrid ikun preżenti fil-bidu u matul dik ir-relazzjoni – intiża għall-kostruzzjoni tal-familja. B'hekk biss jista', jew seta' r-rikorrenti jirrikjama drittijiet fundamentali fir-rigward. Ma jistax jitlob dawn id-drittijiet meta s-sottostrat rejali ma bniehx;

L-istess ukoll jingħad għad-dritt ta' l-aċċess. Ir-rikorrent f'kull lament tiegħu *qed jinjora kontinwament il-prinċipji* kardinali ġa msemmija li kull dritt fundamentali tiegħu fir-rigward huwa suġġett u sekondarju għad-drittijiet fundamentali tat-tarbija li f'dan ir-rigward – proprju minħabba l-użu **irregolari** tad-drittijiet tagħhom, il-ġenituri tagħha, poġġew in perikolu, id-drittijiet fundamentali tagħha għall-ħajja fil-familja u d-drittijiet konsegwenzjali speċjalment ir-rispett għall-ħajja privata u familjari – artikolu 32(c) tal-Kostituzzjoni – inkwantu fit-twelid tagħha stess ir-rikorrent u ħaddieħor ipprivawha milli titwieled ġo familja – u li issa bl-istatut ta' l-adozzjoni tista' forsi – u awguratament – takkwista;

L-istess riflessjonijiet jgħoddu għal-lament tar-rikorrent li huwa qed isofri diskriminazzjoni għaliex mhux qed jiġi trattat bħal missier legali – kontra dak li hemm fl-artikolu 14 tal-Konvenzjoni. Ir-rikorrent kellu d-dmir li jħares id-drittijiet fundamentali tat-tarbija li ġġenera li din tkun tista' tgawdi d-drittijiet u *libertajiet fundamentali tagħha speċjalment dawk li*

titwieled ġo familja w titrabba ġo familja. Kellu jassigura li hija ma tiġix assoġġettataha għal trattament diskriminatorju kif huwa assoġġettata billi, għaliex huwa kellu relazzjoni ma' xi ħadd li magħha ma kienx ifforma familja – lilha ċaħħadha mid-dritt tal-ħajja familjari u b'hekk hija, u mhux hu – sofriet trattament diskriminatorju;

Il-Qorti studjat kemm setgħet il-ġurisprudenza tad-diversi qrati fid-diversi nazzjonijiet li ssemmew fin-noti studjati ta' sottomissjonijiet li kemm ir-rikorrent kif ukoll in-notifikati ppreżentaw u hija faċli l-osservazzjoni li għalkemm diversi huma t-triqat kemm ta' dawk il-Qrati, u kemm ta' l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili – ir-riżultat finali, fil-maġġoranza tal-każi – huwa dejjem l-istess;

L-artikolu 14 ta' l-Ewwel Skeda ta' l-Att XIV ta' l-1987 m'għandux il-preċisazzjonijiet u jmur oltre l-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni. Biżżejjed jingħad illi is-sub-artikolu (4) subinċiż (c) ta' l-artikolu kostituzzjonali jipprovdi li kull liġi dwar adozzjoni tista' tkun diskriminatorja sew fiha nnifisha jew fl-effetti tagħha. Barra minn dan l-artikolu kostituzzjonali ma jannoverax mal-kriterji għan-non-diskriminazzjoni – "it-twelid jew status ieħor" kif hemm fil-Konvenzjoni. Il-Konvenzjoni hija illum parti mill-liġi ordinarja tagħna, u għalhekk m'għandhiex l-istess valur li għandhom l-Kostituzzjoni li hija l-liġi suprema tal-pajjiż. Huwa manifest illi f'konflitt bejn iż-żewġ liġijiet hija l-Konvenzjoni li trid iċċedi fejn il-Kostituzzjoni tgħid mod ieħor;

Fil-każ de quo dan il-konflitt ma jeżistix ħlief tejoretikament għaliex ir-rikorrent ma sofra ebda vjolazzjoni fid-drittijiet u libertajiet kontemplati fil-**Konvenzjoni**, li għalihom, se mai, japplika l-artikolu 14 ta' l-istess;

L-"*approach*" ta' din il-Qorti huwa ftit differenti inkwantu *hija konsapevoli tal-fatt illi fil-kamp tad-drittijiet fundamentali* hemm diversi sitwazzjonijiet ta' konflitt bejn l-istess drittijiet fundamentali tad-diversi persuni li jsibu ruħhom f'relazzjonijiet konfliġġenti u dawn iridu jiġu riżoluti billi jiġu eżaminati kemm l-iskala ġerarkika ta' l-istess drittijiet fundamentali kif ukoll l-iskala li timponi ordni ta' preferenzi skond ir-rispett o meno tad-drittijiet mill-persuni fir-relazzjonijiet tagħhom ma' persuni oħra;

Għal dawn ir-raġunijiet din il-Qorti tiddikjara li ma tistax tilqa' l-lamenti ta' Martin Vella għaliex biex dawn jiġu milqugħa jkunu qegħdin jiġu kontestwalment vjolati d-drittijiet fundamentali tal-minuri u dan il-konflitt ta' drittijiet fundamentali jrid jiġi riżolut – kif intqal – fuq bażi ġerarkika u kronoloġika billi l-ewwel vjolazzjoni potenzjali ta' drittijiet ġie kommess mir-rikorrent u ħaddieħor meta ġġeneraw lill-minuri f'sitwazzjoni illi mill-bidu nett hija ġiet imċaħħda mid-dritt fundamentali għall-ħajja fil-familja;

Spejjeż tar-rikorrent għalih u dawk li ġew notifikati jbatu l-ispejjeż tagħhom.